MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 13 ta' Ottubru 2020 **Ref:** DLAP 226/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** L-Iskema 'Aqra d-Dar'

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bi pjaċir tħabbar skema ġdida - 'Aqra d-Dar'. Din l-iskema hija maħsuba għal dawk l-istudenti li qegħdin miżmuma d-dar u jinsabu anzjużi għax iħossu n-nuqqas tal-ħbieb jew tar-rutina ta' kuljum; inkella jinsabu d-dar ma jifilħux jew kwarantina. L-iskema tgħin lil dawn l-istudenti jsibu ftit wens fil-kotba.

L-istudenti tal-iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji se jkollhom l-opportunità jissellfu u jaqraw kotba meta jkunu miżmuma d-dar kwarantina jew ma jifilħux fit-tul. Kull student/a jista' jagħżel żewġ kotba, wieħed bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż, minn katalgu magħmul apposta li ssibu billi tagħfas:

https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/Programmes/Aqra-Kemm-Tiflah.aspx

Il-ġenituri jew kustodji li jixtiequ li wliedhom jissieħbu f'din l-iskema jistgħu japplikaw billi jibagħtu l-formola mehmuża lil **marouska.falzon-cutajar@gov.mt** jew billi jċemplu 25983304. Minbarra din l-applikazzjoni, il-ġenituri/kustodji jridu jibagħtu lill-Aġenzija l-ittra tal-kwarantina u/jew ċertifikat mediku.

Il-kotba jitqassmu bil-posta jew bl-idejn minn uffiċjali tal-Aġenzija mingħajr ebda ħlas. Wara l-kwarantina jew iż-żmien ta' rkupru, il-kotba jridu jiġu rritornati lill-Aġenzija fl-envelopp ipprovdut. Min irid iżomm il-ktieb/kotba jista' wkoll, imma jrid jagħti donazzjoni ta' 5 ewro għal kull ktieb li jżomm. Il-kotba jistgħu jiġu ritornati bil-posta jew billi jitpoġġew f'kontenitur apposta 'Il-Kaxxa tal-Kotba Mislufa'. F'Malta dan il-kontenitur jinsab barra l-bieb prinċipali tal-bini tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun, HMR 1304.



DLAP 226/2020

F'Għawdex il-kontenitur 'Il-Kaxxa tal-Kotba Mislufa' jinsab fuq in-naħa ta' barra taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu tal-Kulleġġ t'Għawdex, fl-Iskola Primarja tas-Sannat, Ta' Sannat, Sannat SNT 9020.




Min ikun irid aktar informazzjoni, jista' jidħol fil-paġna ta' facebook 'Aqra Kemm Tiflaħ' jew jibgħat ittra elettronika lil Marouska Falzon Cutajar f'marouska.falzon-cutajar@gov.mt jew billi jċempel 25983304.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**